MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2012

Numru 611/2011

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Briffa)

vs

Keith Psaila

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 392778M, akkuzat talli nhar l-14 ta' Awissu, 2010 ghal habta tal-11:00 ta' bil-lejl filwaqt li kien fl-istabbiliment imsejjah 'Beach Club', li jinsab fi Triq Sant'Anna, gewwa Wied il-Ghajn, ikkommetta serq ta' handbag, li kien fih mobile phone, sett cwievet u 40 Ewro fi flus, liema valur jammonta ghal aktar minn 233 Ewro, ghad-dannu ta' Anna Caruana u persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bil-persuna.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-Artikoli 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mitluba wkoll sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li hu ghandu problema konnessa mad-droga.

Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li jkun bil-wisq ahjar li tadotta piena konfacjenti sabiex possibbilment l-imputat jgheleb din il-problema.

Tiddikjara l-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 261(f) u 271 tal-Kap 9 billi mhux qeghdha tirriskontra li japplika wkoll l-aggravju tal-persuna.

Tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mill-lum ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u possibilment fid-diskrezzjoni tal-uffijcal tal-probation isegwi programm ta' rijabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------